ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 27 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 21 ta' Lulju 2014 fis-6.30pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillieri | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Accountant | Is-Sur Patrick Caruana |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji a) Petty Cash Gunju 2014;
   b) Ħlasijiet ta' Gunju 2014;
   c) Management Letter;
   d) Business Plan;
   e) Budget 2014- 2016.
5. Kotba Għall-Librerija;
6. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 26 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Segretarju staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, is-Sindku ppropona li jkunu addottati.
Issekondat il-kunsillier Agius u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**

a. Dwar Triq Gius. Naudi biex tiġi *pedestrian* biss kien hemm diversi risposti mingħand ir-residenti w l-maġġoranza ta' dawn iridu li t-Triq tiġi *Loading/Unloading* biss u tibqa' kif inhi u ħadd ma' jkun jista' jipparkja fiha. Il-Kunsill qabel.

b. Dwar item 2.b tal-laqgħa preċedenti, is-Segretarju staqsiet lis-Sindku jekk dan tal-aħħar kienx iċċara x'affarijiet mad-Dipartiment tal-K.L. dwar dak li ntalab mill-Kunsillier Fenech, staqsietu wkoll kienx iċċara l-punt dwar l-*allowance* tal-Kunsilliera. Staqsiet jekk hemmx xi ħaġa li jrid jgħid is-Sindku dwar il-laqgħa tiegħu mad-Dipartiment tal-K.L. Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa mad-Dipartiment hu tkellem fuq diversi affarijiet iżda ma kien hemm xejn daqshekk important.

   Is-Segretarju qalet li għal *Palm Reader* irċeviet kwotazzjoni waħda mingħand J.Grima & Co Ltd. li tammonta għal € 583.57. Qalet ukoll li l-pompi tal-funtani lesti ssewwew u se jitwaħħlu.

   Dwar l-*aircondition* tal-uffiċċju t'isfel s-Segretarju qalet li ġej *technician* minn kumpanija li tipprovdi il-*Gree* a/c biex jara x'hemm meħtieġ u jikkwota ukoll. Il-Kunsill diġa' għandu kwotazzjoni ta' 530 Euro mingħand il-kumpanija *Paulson*.

   Dwar item 4. Is-Segretarju staqsiet lis-Sindku jekk kienx hemm xi żviluppi bil-*wardens* fil-*Housing Estate* fil-*weekends*. Is-Sindku qal li għadhu ma jafx eżatt x'ġara, li jaf hu li meta kien hemm xi żgħażagħ raw il-*wardens* dawn telqu minn fuq il-post. Is-Sindku qal li għad irid jiċċekkja mar-Reġjun.

c. Is-Segretarju qalet li hi se tipprova ġġib mappa ta' Ħal Għaxaq kbira mill-MEPA iżda jaf ikun hemm xi ħlas. Riedet tkun taf il-Kunsill jaqbilx li din tinxtara. Il-Kunsill qabel.

d. Is-Segretarju fakkret lill-Kunsilliera biex jimlew informazzjoni mitluba fuq il-formola tal-AKL.

ĦAL GĦAXAQ

**3. <u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

1. Mid-Dipartiment fejn stiednu lill-Kunsill għal *Move Week 2014* li ser isir fis-26 ta' Lulju, 2014, ġewwa *Kirkop Sports Complex* fl-10:00 a.m.

   Għarrfu wkoll li ser issir laqgħa ta' informazzjoni dwar *Europe for Citizens Programme 2014-2020* li sar fit-18 ta' Lulju, 2014 ġewwa *Europe* House, Belt.

2. Mill-AKL fejn ircevejna formola sabiex tiġi mimlija mill-Kunsillieri dwar informazzjoni ġenerali.

   Irċevejna wkoll dwar e-mail mingħuta mit-TM dwar sinjali ta' aċċessibilta' sabiex dawn jibdew jintużaw. ( annessi).

3. Mill-MEPA rċevejna dwar fejn ser tinstema fil-pubbliku PC 001/14 fit-3 ta' Lujlju,2014 dwar *partial review* tas-*South Malta Local Plan* għal area tal-Millieri, fejn għaliha attendiet is-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju qalet li hi attendiet għall-laqgħa l-MEPA u waqt id-diskussjoni hi għamlet l-oġġezzjoni tal-Kunsill dwar il-*penthouses* biex ma jinbnewx minħabba diversi raġunijiet. Is-Segretarju qalet li r-risposta li rċeviet kienet li meta saret l-applikazzjoni għal din il-binja il-Kunsill ma kienx oġġezzjona

   Infurmaw ukoll dwar applikazjzoni ġdida PA 2012/14 – għal bdil intern u estern f'Dawret Ħal Għaxaq; PA 2025/14 dwar tħaffir u kostruzzjoni għal *reservoir* f'Dawret Ħal Għaxaq u PA 2131/14 dwar twaqqiegħ, tħaffir u kostruzzjoni ta' *store*, ħwienet w appartamenti fi Triq il-Gudja.

4.ra.

   Mit-TM bagħatu dwar it-talba li saret minn naħa tagħna għal *zebra crossing* fi Triq id-Dejl, fejn bagħatu pjanta x'qed jipproponu sabiex napprovawa biex issir. Is-Segretarju qalet li TM approvaw din il-*crossing* u din saret.

   Għarrfu wkoll dwar *double yellow line* li hemm il-permess għalih fi Triq Manwel Dimech.

5. Mir-Reġjun Nofsinhar infurmaw li ser isir laqgħa dwar l-iskema tac-CCTV fejn ir-Reġjun qed jagħti għotja sa massimu ta' € 2,000 lill-14 il-Kunsill Lokali għall-installazzjoni ta' *CCTV Camera* fil-lokal rispettivi ,

għal din il-laqgħa attenda s-Sindku fejn qal li se jkun hemm Skema fejn tal-G4S ser jipprovdu *cameras* li jkunu fissi u jkunu jistgħu jiġbdu kullimkien iżda fil-post fejn isiru irid ikun hemm l-*internet*. Is-Sindku qal li għad iridu jiġu diskussi dawn il-*cameras*.

Infurmaw ukoll li ser issir laqgħa tar-Reġjun fit-23 ta' Lulju, 2014, fl-4:30 p.m. ġewwa Tribunal Ħal Qormi.

ĦAL GĦAXAQ

6. Mill-NAO fejn irċevejna kopja tal-*Management Letter*, l-*Audit Report* u l-*Financial Statements* għas-sena 2013, fejn twegiba għal dawn trid tingħata 6 ġimgħat mit-18 ta' Ġunju, 2014.

7. Mill-MOT dwar *Sustainable Product Development and Promotion* dwar prodotti u servizzi għat-turisti, fejn *submissions* għal din is-sejħa jagħlqu fis-6 ta' Ottubru, 2014, fil-5:00 p.m.

8. Mill-MSDC fejn infurmaw li ser isir Seminar Konsultattiv fit-2 ta' Awissu, 2014 bejn id-9:30 a.m. u nofsinhar dwar *Promoting Sustainable Tourism in the southern part of Malta*.

9. Mingħand is-Sur Zammit ta' FSWS – Sapport dwar parteċipazzjoni re:- *Community Service* fejn hemm dati proposti 21.10.2014; 3.11.2014 u 10.11.2014. Il-Kunsillier Schembri issuġġeriet li l-parteċipazzjoni tal-Kunsill tkun fit- 3.11.2014. Il-Kunsill qabel.

10. Mingħand l-Għaqda Mużikali Santa Marija fejn qed jipproponu sabiex ma jibqawx jarmaw gabbani tal-ikel u *toys* quddiem il-Każin tal-Labour fejn qed ikollhom l-*exhaust pipe* tal-*generators* li jmur dirett ġol-kanolli, fejn l- aħjar li dawn ikunu l-isfel fi Triq G.M. Farrugia.

    Saret diskussjoni dwar din il-proposta iżda il-Kunsill qal li ma jistgħax iżomm milli jingħataw permessi w jekk ikun hemm xi problem minn naħa tal-każin dawn għandhom ikellmu l-Pulizija.

    Infurmaw ukoll sabiex mill-5 sas-7 ta' Awissu, 2014 meta ser isiru l-Kunċerti ma jinħarġux permessi ta' kiosks u kull tip ta' bejgħ ieħor, irid ikollhom il-permess minn naħa tal-Għaqda sabiex jarmaw, peress li jkun hemm spejjeż kbar involuti sabiex dawn jitellghu.

    Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li dawk li jarmaw kollha għandhom il-permessi w ma jistghux jinżammu milli jarmaw, kull ma jista' jsir minn naħa tal-Kunsill hu li ma jitħallewx jarmaw gabbani sa 50 metru il-boghod minn fejn ser issir l-attivita' jiġifieri Triq il-Barbazzal ma jkunx hemm gabbani, il-boghod minn hemm jistgħu jarmaw.

11. Saret talba sabiex TM tibdel il-pilastri li hemm fejn qed isir il-monument tal-annimali u biex jissaqqew s-siġar u l-pjanti meta jitħawwlu madwar il-monument. Il-Kunsill qabel.
Is-Sinjura Agius qalet li nerġgħu navviċinaw *Transport Malta* biex ineħħu dik il-biċċa *Central Strip* li hemm quddiem is-sit tal-Monument tal-annimali. Il-Kunsill qabel.

12. Sabiex issir mera fi Triq il-Belt Valletta peress li kien hemm tkissret. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

13. Daħal ilment li l-uffiċċju tal-Kunsill fil-weekends qed ikun miftuħ wara 9.30 p.m., din il-persuna trid tkun taf jekk hemmx għalfejn uffiċċju tal-Gvern ikun miftuħ u jekk hemmx xi raġuni valida. Din il-persuna tixtieq tkun taf x'ikun qed jigri fil-Kunsill u ser jsegwi l-Minuti *online* għat-tweġiba.

Is-Sindku qal li hu ġieli mar il-Kunsill dak il-ħin, jew għax ikun nesa xi ħaġa warajh jew biex jieħu xi ħaġa hemm. Qal ukoll li l-ahjar ir-resident jghati l-hin u data meta kien miftuh halli jkun jista jghati risposta specifika.

16. Mill-Kummissjoni Ewropea dwar stqarrija għall-sejħa lill-mexxejja lokali, reġjonali u nazzjonali biex jieħdu vantaġġ mill-finanzjament u l-appoġġ il-ġodda tal-EU mill-*broadband*.

17. Mill-MEUSAC fejn qed jinfurmaw bil-link *EU Funding opportunities for Local Councils*.

18. Mingħand il-*Plant Health Directorate* dwar *updated records of Spraying of Palm Trees*. Dawn is-siġar tal-Palm iridu jerġgħu jiġu mbexxa.

19. Mingħand is-Sinj. Donna Mallia skrivana tal-Kunsill fejn infurmat ta' kif ser ikun imqassam il-*leave* tal-maternita'. Minħabba l-ħin limitat, il-Kunsill iddeċieda li din it-tema tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

**<u>Korrispondenza li bagħat il-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Is-Sindku bagħat e-mail lil ETC fejn jixtieq japplika għal ħaddiema taħt l-iskema tagħhom sabiex jieħdu ħsieb ġonna madwar ir-Raħal u anke sabiex iwettqu xogħol ta' żebgħa tat-toroq.

**4. <u>Materji Finanzjarji</u>**

***a) Petty Cash***: Is- Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Gunju 2014, li kienu jammontaw għal €103.67 . Is-Segretarju qrat l-lista tan-nefqiet li saru u ressqet l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b'€103.67 għall-*petty cash*. Il-Viċi Sindku ressaq ghall-approvazzjoni u kienet sekondata mill-Kunsillier Fenech.

**b) *Skeda ta' Ħlas Gunju 2014*.** Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Gunju 2014 u li jammontaw għal **€55,752.12**

Is-Segretarju qrat il-lista tal-pagamenti u wara ressqet l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġiet sekondata mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

ĦAL GĦAXAQ

***c. Approvazzjoni tar-Risposta tal-Management Letter***

Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-Awdituri tal-Gvern kienu ghamlu r-rimarki taghhom ghal Management Letter u kien mistenni li nibghatu risposta taghha.

L-Accountant qara l-Management Letter li rcieva l-Kunsill u wara qara r-risposta li thejjiet. Is-Sur Caruana qara l-kontenut qabel din l-istess risposta tintbaghat lill-Awditur Generali tal-Gvern u d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

Il-Kunsilliera prezenti approvaw il-kontenut tal-ittra.

**d. *Business Plan 2014 -2016 & Budget*:**

Is-Segretarju ccirkolat kopji tal-*Business Plan* (Pjan ta' Hidma) (App. 1) u tal-Budget (App. 2) ghas-snin 2014, 2015, 2016, fissret l-ghan tal-Pjan u tal-*Budget* bhala wiehed li jahseb biex jintegra dak allokat u mfassal din is-sena ma' snin ohra sussegwenti.

Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament approva l-*Business Plan* u l-*Budget* kif preżentati.

**5. Kotba Għall-Librerija**;

Saret diskussjoni dwar il-kotba li se jinxtraw għall-librerija tal-Kunsill. Waqt din id-diskussjoni, is-Segretarju qalet li hi qatt m'awtorizzat lil ħadd biex jixtri kotba f'isem il-Kunsill, għaldaqstant kopja ta' *invoice* ta' kotba li nxtraw minn Ms Cheryl Falzon impjegata fid-Dipartiment tal-Libreriji ma ġietx aċċettata. L-Invoice oriġinali qatt ma waslet il-Kunsill u b'hekk ma nafux min iffirma għal dawn il-kotba. Is-Segretarju qalet ukoll li waslet il-Kunsill kaxxa kotba mingħand kumpanija oħra li kien fiha kotba li nxtraw mingħajr ebda awtorita' u s-Segretarju dawn m'aċċettathomx lanqas.

Is-Segretarju qalet ukoll li hi gabet kwotazzjonijiet għall-kotba li kienu fil-kopja tal-*invoice* u sabet prezzijiet irħas minn dawk li kienu se jinxtraw f'isem il-Kunsill.

Il-Kunsillier Schembri oġġezjonat li s-Segretarju tagħżel l-kotba u qalet li trid toħloq bord biex jagħżel il-kotba, għal dan il-Kunsill aċċetta u l-Kunsillier Schembri qalet li dan il-bord se jkun magħmul mis-Sinjura Cheryl Falzon, mis-Sinjura M-Grace Vassallo u minnha stess. Għalkemm ġie deċiż li jsir dan il-bord, il-Kunsillier Schembri waqt din il-laqgħa stess poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill listi ta' kotba li riedet li jinxtraw. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni.

ĦAL GĦAXAQ

Is-Segretarju qalet iggib kwotazzjonijiet ta' l-aħjar prezzijiet u dawn il-kotba jiġu mixtrijja jekk il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni. Il-Kunsillier Schembri qalet li riedet tkun taf id-*discount* li ser iġġib is-Segretarju fuq il-kotba li tixtri. Ħadd ma kkumenta.

Waqt din id-diskussjoni s-Segretarju semmiet li mill-flus li se jintefqu għall-kotba se jitnaqqas l-ammont li tħallas biex inxtrat il-*photocopier/printer* għall-librerija. Qalet ukoll li jekk il-finanzi tal-Kunsill mhux fi stat tajjeb il-flus ma jintefqux kollha.

Hawnhekk issemmew il-*photocopies* li tagħmel il-librara fil-librerija u minħabba li s-Sinjura M'Grace Vassallo tieħu l-karti għal dawn il-*photocopies* mill-uffiċċju, il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li t-tfal isirulhom *photocopies* b'xejn ma dan qabel ukoll il-Kunsillier Schembri, ntqal ukoll li s-Sinjura Vassallo tintalab biex tagħti rapport ta' minn ikun għamel il-*photocopies* u jekk dawn isiru bi ħlas, il-ħlas ikun orħos minn dak ta' bħalissa ta' 5c u jsir ta' 2c.

Gie msemmi ukoll li s-Sinjura Vassallo kienet tgħaddi rapport dwar il-librerija u dan m'ghadux jsir, is-Segretarju qalet li se titlob lis-Sinjura Vassallo tħejji dan ir-rapport.

Il-Kunsill qabel mad-diskors li ntqal.

**6. <u>Suggerimenti</u>**

a. Is-Sindku qal li jixtieq li l-Kunsill jidhol fli skema ta' li Sports tal-KMS u staqsa lil membri jekk jaqblux. Il-Kunsill qabel.

b. Is-Sindku qal li l-kwotazzjoni tal-G4S ta' 980 Euro biex jinstalla l-apparat fl-ufficcju hi ragjonevoli ghall-affarijiet mehtiega. Il-kunsill qabel li dan l-apparat jsir.

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

Bottom of Form

**6. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fid-9.30 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 25 ta' Awwissu, 2014, fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Darren Abela | Therese Xuereb |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**<u>Ikkonfermati:- it-Tnejn, 25 ta' Awwissu 2014, fis-6.00pm</u>**